KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 413 (8-40)

It-Tnejn 27 ta' Settembru 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**413.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillieri Kurstein Sant u Adrian Farrugia.

**413.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 412. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**413.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajjem l-ebda punt mill-minuti.

**413.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**413.3.1** Kuntratt Ġbir ta' Skart Domestiku LCS57/17

Is-Sindku rrefera għad-diversi ilmenti fir-rigward tal-ġbir tal-iskart domestiku speċjalment id-dewmien tal-ġbir tal-borża s-sewda nhar ta' Tnejn. Huwa qal li saret laqgħa mal-Kuntrattur fejn kien preżenti hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Julian Borg fejn tqajmu diversi punti, fosthom l-akkumular ta' boroż mill-kolletturi, in-nuqqas ta' ġbir f'diversi toroq u d-dewmien. Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmana verbalment li minħabba raġunijiet ta' saħħa ser ikollu jieqaf fi żmien qasir milli jagħti s-servizz u qed jara l-possibilta' li jgħaddi x-xogħol lil persuna oħra biex ikun hemm kontinwita' u jinħoloq l-inqas inkonvenjent.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt LCS57/17 fadallu sal-aħħar t'Awissu 2022 u skond Policy Note LCPPN No. 7 (Local Council Procurement Policy Note), il-Kuntratti eżistenti għandhom jiġu estiżi sal-2022 jekk ikunu ser jiskadu qabel peress li Kuntratt li jmiss aktarx joħroġ fuq bażi reġjonali. Hija qalet li l-Kuntrattur attwali dalgħodu stess infurmaha li l-peruna li kien qed jikkuntattja l-Kuntrattur biex ikompli bix-xogħol mhux interessat u infurmat li talbet lill-Avukat tal-Kunsill għal gwida. Minħabba n-natura tas-servizz, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dal każ ser tinforma minnufiħ lid-Dipartiment tal-Kunsilli wkoll għal gwida minn naħa tiegħu u biex tinstab soluzzjoni mmedjata u fil-fini tal-liġi.

**413.3.2** Restawr taz-zuntier

Is-Sindku qal li talab iktar informazzjoni lil Infrastructure Malta fuq dan il-proġett u irċevejna l-pjanta li ġiet ċirkolata mal-Kunsilliera. Huwa qal li talab li ssir preżentazzjoni dettaljata u anka jiġu komunikati time-frames ta' meta ser jibda x-xogħol u meta pjanat li jkun lest. Huwa qal li skond l-informazzjoni li għandu s'issa huwa pjanat li x-xogħol jibda għall-aħħar ta' din is-sena.

**413.3.3** Reading Garden

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, mal-perit tal-Kunsill u l-Avukat iltaqgħu mar-residenti Cutajar u l-Avukat tagħhom fejn ġew preżentati l-proposti tal-perit bis-soluzzjonijiet offruti għal issues li tqajjmu minn naħa tagħhom, fejn jidher li qrobna għal qbil. Huwa qal li fadal xi punti żgħar li għad mhux finalizzati u qed nistennew m'għand l-avukat tagħhom. Sadattant, għandna informazzjoni li sal-ġimgħa d-dieħla tiġi proċessata t-talba tal-Kunsill mad-Dipartiment tal-Artijiet għad-divoluzzjoni.

**413.3.4** Xogħolijiet infrastrutturali fi Triq il-Muża u Triq in-Nirien

Is-Sindku informa li kien hemm diversi punti imqajjma mir-residenti rigward ix-xogħolijiet li ġew diskussi mal-Periti ta' Infrastructure Malta u ċċarati biex b'hekk seta' jkompli x-xogħol, fosthom li żdiedu diversi parkeġġi u ġie rranġat l-aċċess għall-garaxxijiet. Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk hux inkluż parkeġġ għal blue badge holders fl-area u anka parkeġġ għall-istess sidien tal-garaxxijiet quddiem il-garaxxijiet tagħhom stess. Hija semmiet il-problema tat-trakkijiet tal-barrieri fl-area li dan l-aħħar kien hemm diversi rapporti dwar materjal li jaqa fit-triq. Is-Sindku qal li konxju mill-problema tat-trakkijiet u trid tiġi indirizzata.

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier il-perit Julian Borg qed iressqu proposta ta' parkeġġi fi Triq Salvu Curso biex tiġi mibgħuta lil Transport Malta għall-approvazzjoni kif ukoll titjib fis-sistema tal-immaniġġjar tat-traffiku.

**413.3.5** Servizz.gov

Is-Sindku qal li x-xogħolijiet fl-uffiċċju tas-servizz.gov mexjin kif previst. Huwa qal li waqt l-eżekuzzjoni instabet problema dwar l-installazzjoni tal-air conditioners biex jgħaddi l-copper għal fuq il-bejt u l-ispiża ġiet iktar mill-istima prevista mid-Dipartiment. Huwa qal li qed jintalab li l-Kunsill joħroġ id-differenza ta' €858.45 mit-total ta' €2850. Huwa propona li l-Kunsill japprova din l-ispiża biex jitkomplew ix-xogħolijiet. Il-Kunsill unanimament approva. Is-Sindku qal li is-servizz għandu jibda jingħata fit-tieni ġimgħa t'Ottubru 2021.

**413.3.6** Xogħolijiet ta' Restawr

Is-Sindku qal l-Perit tal-Kunsill iltaqa' mas-Sovrintendenza tal-patrimonju Malti fejn ġew iċċarati diversi punti u issa setgħu jitkomplew ix-xogħolijiet fuq l-istatwa ta' San Nikola. Huwa previst li fadal xagħrejn xogħol. Is-Sindku qal li hemm il-possibilta' li l-inawgurazzjoni tiġi abbinata mal-festa liturġika ta' San Nikola fis-6 ta' Diċembru. Huwa qal li fil-jiem li ġejjin għandha ssir ukoll laqgħa mal-Grupp tal-armar rigward il-proposta tagħhom biex jintrama l-pedestall, u jiġu mistħarrġa l-possibiltajiet biex ma jsirux interventi u ma ssirx ħsara. Intalab diżinn ta' x'qed jiġi propost.

**413.3.7** Proġett b'Fondi Ewropej: Euroscepticism and the European Future f'Condro, Italja

Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera li kien preżenti għal dan il-proġett bejn it-13 u t-18 t'Ottubru 2021. Huwa qal li kienet esperjenza sabiħa ta' skambju ta' idejat u kultura fejn il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi pparteċipa flimkien ma' ħames pajjiżi oħra ewropej f'dan il-proġett fosthom l-Ungerija, Spanja, Slovakkja, Latvja u l-italja.

**413.3.8** Talba għal permess ta' scaffolding – Triq San Nikola

Is-Sindku qal li wara laqgħa mal-applikant flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsill Julian Borg fejn ġew diskussi diversi alternattivi biex jinħoloq l-inqas inkonvenjent, l-applikant flimkien mal-perit tagħhom irriduċew iż-żmien li fiħ ħa jsir ix-xogħol. Ix-xogħol maħsub li jsir meta jibdew il-vaganzi tal-iskola f'Diċembnru u l-iscaffolding ikun jista' jiżżarma għal lejl. Qed tiġi diskussa l-aħjar proposta għal għeluq tat-triq mit-traffiku.

**413.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**413.4.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm aġġornament dwar it-talba tal-Każin Banda San Nikola. Is-Sindku qal li kif kien diskuss fis-Seduti preċedenti, il-ftehim jinqasam fuq żewġ siti, u anka li jiġu kkunsidrati l-punti kollha msemmija qabel jiġi preżentat mill-ġdid il-ftehim. Is-Sindku qal li għat-tieni sit, għad hemm sitwazzjoni prematura anka peress li hemm maħsub proġett mill-Gvern għad-daħla tas-Siġġiewi.

**413.4.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienetx saret il-laqgħa mad-Dipartiment tat-Tindif li ssemmiet f'Seduta preċedenti. Is-Sindku qal li l-laqgħa ġiet posposta għal iktar tard f'Ottubru, liema data għadha mhix konfermata.

**413.4.3** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proposti tat-traffiku fosthom ta' Triq il-Knisja l-Qadima li ilu jistaqsi għalihom għal dawn l-aħħar seduti. Is-Sindku qal li jipproponi li ssir laqgħa speċifika biex jiġu diskussi l-proposti. Ma din it-triq hemm ukoll Triq it-Tabib Nikola Zammit u anka Triq Dun Manwel Zammit, b'kontinwazzjoni għall-arranġament tal-one way li sar xi xhur ilu, kif ukoll l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona Kirċippu.

**413.5** **Ingaġġ ta' Community Works Manager mal-Kunsill (skond Direttiva No 02/2021)**

Is-Sindku irrefera għal Direttiva 2/2021, li qed tobbliga l-ingaġġ ta' Contracts (Community Works) Manager.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv dati iktar informazzjoni fuq ir-remunerazzjoni tal-ingaġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjieg ikun fuq salarju skala 11, li fis-sena 2021 hija ekwivalenti għal €19,974 annwali ta' €375.17 għal massimu ta' €22,225.

Is-Sindku rrefra għad-dettalji elenkati fid-dokument imqassam (Direttiva no. 02/2021) u propona li l-Kunsill jibda l-proċess għall-ingaġġ mill-iktar fis.

Il-Viċi Sindku ssekondat.
Votazzjoni: 5 favur
Il-Kunsill unanimament irriżolva li jibda l-proċess għall-ingaġġ.

**413.6** **Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier – MOU bejn il-KL Siġġiewi u INDIS**

Is-Sindku preżenta kopja tal-MOU, liema kopja ġiet ċirkolata minn qabel lill-kunsilliera. Huwa qal li l-issues li tqajmu mill-Kunsill ġew trattati u anka il-mistoqsijiet li tressqu. Huwa qal li dan il-proġett ser ikun ta' benefiċċju għall-komunita' kollha, u li l-medda twila ta' triq b'xenarju mill-isbaħ tal-wied li bħalissa qegħda tintuża ta' miżbla, ser tkun tista' titgawda. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser jiġi ffirmat il-ftehim għad-divoluzzjoni tal-art minnu u s-Segretarju Eżekuttiv. Sadattant, il-perit tal-Kunsill qiegħed f'komunikat mal-INDIS rigward il-permess neċessarju mill-Awtorita' tal-Ippjanar, biex b'hekk ikun jista jiġi indikat time-frame għax-xogħolijiet.

**413.7** **Avviż Legali 146 tal-2021 – Żieda ta' bring In Sites fil-lokalita'**

Is-Sindku irrefera għal-laqgħa mal-uffiċjali tal-ERA rigward l-Avviż Legali u n-nuqqas li fil-lokalita' haw bring-in-site waħda biss. Filwaqt lis-Segretarju Eżekuttiv infurmat bl-inkonvenjent li bħalissa għaddej minnu l-Kunsill u r-residenti mill-bring-in site eżistenti dik ta' Triq Salvu Borg Olivier, l-ERA infurmaw li din hija problema komuni għal kull lokalita', u li l-Kunsill għandu jimxi mal-Avviż legali. Huma nfurmaw li fi żmien qasir għandhom jiġu identifikati siti, inkella jibdew jiġu applikati sanzjonijiet. L-uffiċċjali tal-ERA qalu li spezzjonaw il-lokalita' u ssuġġerew siti lejn Triq Blat il-Qamar, Triq Dun Manwel Zammit u Triq Mons. F. X. Mangion. Huma rrimarkaw li l-areas identifikati għandhom ikunu f'żoni residenzjali u mhux imwarrbin, u li ser ikunu mgħassa b'cctvs provduti mill-iskema u anka ssir sorveljanza mill-LESA bi ftehim mal-iskema.

Is-Sindku qal li wara eżerċizzju biex tinstab possibilta ta' siti adatti, qed jiproponi l-area minn Triq Mons. Mikiel Azzopardi qabel iddur għal Triq il-Qrendi, u l-area ta' Bur il-Kbir lejn Blat il-Qamar. Is-Sindku talab li ssir spezzjoni fuq il-post biex jiġu identifikati s-siti u jiġu proposti kif mitlub.

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mingħand l-iskema GreenMT rigward talba għal pagament ta' €3943.46 għall-kollezzjoni ta' skart imħallat, wara li ġie rrapurtat li l-iskart separat qed ikun kontaminat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li intalab parir mid-DLG, intbagħtet risposta li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart peress li hemm ftehim, u għalhekk l-iskema għandha timxi mal-obbligi kuntrattwali tagħha.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia ħarġet mill-laqgħa fis-7.40pm.

**413.8** **Preżentazzjoni ta' proġetti u ħidma in ġenerali b'konnessjoni mad-dekasteri ta' kull Kunsillier imwettqa f'dawn l-aħħar sitt xhur**

Is-Sindku propona li dan l-item jiġi preżentat fis-Seduta li jmiss.
Il-kunsill unanimament qabel.

**413.9** **Tender MAGF/M4/003 – Implementing Green Infrastructure at San Niklaw**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara l-proċess ta' evalwazzjoni tat-tender, ġiet rrakkomandata mill-bord l-offerta ta' George Vella bħala l-iktar waħda vantaġġjuża. Meta r-rakkomandat ġie infurmat b'dan, il-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-Avukat tiegħu li ai termini tal-General Rules Governing Tenders artikolu 8.1, l-offerta skadiet fit-22 ta' Lulju 2021, għaldaqstant, l-offerent m'għadux obbligat li jaċċetta l-offerta u filfatt m'għadux interessat li jwettaq dan ix-xogħol, u mhux qed jaċċetta l-għoti tal-Kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed titlob gwida tal-proċess f'dan il-każ.

**413.10** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**413.11** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**413.11.1** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mir-Reġjun Nofinhar rigward 'Attivita' tal-Kunsill Reġjonali fi żmien il-Milied bil-kollaborazzjoni ta' Kunsilli Lokali', fejn ser tintagħżel lokalita' waħda fejn isir l-attivita' u tingħata fondi ta' €5000. Is-Sindku propona li nissottomettu applikazzjoni għal Festa Milied.

**413.11.2** Is-Sindku rrefera wkoll għal Ċirkolari SPI/SCI/6/2021 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021. Huwa qal li l-Kunsill ser jissottometti wkoll din l-applikazzjoni għal finanzjament għall-attivita' u anka għat-tiżjin tat-toroq bid-dawl. Il-Kunsill unanimament qabel.

**413.11.3** Case 18/2021 – Talba għal fond ta' aġġustament għas-sena 2021
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li it-talba għal fond ta' aġġustament ġiet milqugħa u ġiet approvata s-somma ta' €10,000 bħala Fond għall-belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet.

**413.11.4** Proġett Erasmus+ KA154 Dialogue between young people and policy makers

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ġiet mistiedna bħala leader għal grupp ta' ħames żgħażagħ minn Malta biex jipparteċipaw f'dan il-proġett fil-Greċja. Hija qalet li bħala rappreżentazzjoni ta' żagħżugħa mis-Siġġiewi, ser tkun qed tipparteċipa l-impjegata tal-Kunsill li taqa' taħt l-eta' rikjesta. Dan il-proġett huwa finanzjat minn Fondi tal-Erasmus+.

**413.12** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**413.13** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**413.14** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

Ma tqajjem l-ebda punt.

**413.15** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn l-1 ta' Novembru 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 27 ta' Settembru 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv